MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 543/2003

**Garden of Eden Limited**
**Numru tar-Registrazzjoni C-17525**

**vs**

**Arthur Naudi**
**Karta ta' l-Identita' bin-numru 0165268(M)**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Novembru, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi l-konvenut unikament responsabbli, minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, ghall-incident awtomobilistikuli sehh fid-19 ta' Ottubru, 2001 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Gwann, Kapparafl-erbgha neqsin kwart ta' wara nofs inhar (15:45) bejn il-*bus* tal-marka Dennis Javelin bin-numru tar-registrazzjoni BCY 930 proprjeta' tas-socjeta'

attrici u l-vettura tal-marka Toyota Corolla bin-numru tar-registrazzjoni DBF 861 proprjeta' tal-konvenut u misjuqa minnu stess, jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici d-danni, inkluz il-*loss of use*, minnu kagonati lill-istess socjeta' attrici b'konsegwenza ta' l-imsemmi ncident awtomobilistiku, fl-ammont li jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

A skopijiet ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur ta' danni mertu tal-kontestazzjoni jissupera s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) pero' ma jissuperax is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' April, 2002 u ta' l-ittra ufficjali li giet ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghas-smiegh, u bl-imghax legali dekorribbli skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Edgar Grima, illi kien qed isuq il-vettura di proprjeta' tas-socjeta' attrici, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jenhtieg illi tingieb il-prova tad-danni pretizi mis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-incident jirrigwarda kollizjoni illi grat mar-*roundabout* tal-Kappara maghrufa bhala dik tal-Gas, bejn *coach* misjuq minn Edgar Grima u karozza Toyota Corolla misjuqa mill-konvenut, fejn din ta’ l-ahhar spiccat mghaffga bejn il-hajt tax-xellug tar-Regional Road u l-istess *coach*.

Ikkunsidrat:

Edgar Grima, li kien qed isuq ic-*coach* proprjeta’ tas-socjeta’ attrici xehed illi dakinhar ta’ l-incident kien qieghed isuq fl-*inner lane*, in-naha tal-pompa, zamm maqlugh ‘il barra minn mar-*roundabout* u meta d-dawl ippermetta huwa hareg biex ikompli fit-triq tieghu lejn il-Marsa. Ikompli jghid, “… fuq in-naha tal-lemin tieghi kien hemm karozzi li wkoll kienu sejrin fl-istess direzzjoni tieghi. Meta tlaqt ir-*roundabout* u gejt biex naqbad it-triq id-dritta, jiena harist lejn il-mera tax-xellug biex nara kellix karozzi, izda ma kien hemm hadd. Nirrleva pero’ illi ghandi *blind spot* minn nofs il-*coach* ‘il quddiem. Mill-mera tax-xellug nista nara wara kollu, pero’ min-nofs ‘il quddiem,m li jigi taht il-mera ma narax … Jekk il-karozza kienet fuq il-genb xellugi fuq in-naha ta’ quddiem, taht l-istaffa, jiena ma rajthiex. Pero’ jien kont naf li kont qed insuq vicin il-bankina ghaliex l-ewwel reazzjoni tieghi meta hassejt it-trediha tal-*coach* kien li hsibt illi hadt ‘il hajt.”

Il-konvenut minn naha l-ohra jghid illi huwa waqaf fil-*lane* tan-nofs kif wasal fuq il-*lights*, stenna illi dan idur fuq l-ahdar meta beda hiereg. Induna li fuq in-naha tal-lemin tieghu kien hemm *coach*, hargu flimkien, baqa’ jzomm l-istess linja li kienet tindikalu t-triq, izda hekk kif daru l-kantuniera biex jaqbdu t-triq id-dritta tar-Regional Road lejn il-Marsa, l-*coach* bidlet id-direzzjoni taghha u ghafsitu bejna u bejn il-hajt. Ikkonferma l-posizzjoni tal-karozzi kif murija fl-iskizz. Ukoll ir-ritratt a fol. 40 juri kif spiccaw il-vetturi.

Ex PS 441 Louis Micallef li nvestiga l-kaz qal illi jidher li z-zewg vetturi hargu minn ma’ r-*roundabout* flimkien (fol. 31).

Gew esebiti diversi dokumenti sabiex jiggustifikaw it-talba tas-socjeta' attrici ghad-danni reklamati.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib hafna x'ticcensura fis-sewqan ta' Edgar Grima. Jekk inhu minnu illi dana kien fuq l-*inner lane*, zgur illi kien maqlugh 'il barra, tant illi jaf hu stess illi kien hemm spazju bizejjed fejn setghet tkun karozza. Tant hu hekk illi huwa hares fuq il-mera tax-xellug u ma ra lil hadd. Jirrikonoxxi pero' illi ghandu inkapacita', fis-sens illi karozza li tkun taht il-mera tax-xellug ma jkunx jista' jaraha. Ma' dan kollu Grima ma hax dan inkonsiderazzjoni meta gie biex idur il-kantuniera u jaqbad it-trid id dritta tar-Regional Road, tant li minflok li zamm fl-istess linja tieghu, dehrlu illi kellu, "Cut the corner" u jaghfas kemm jista' lejn ix-xellug. Kien hawnhekk illi huwa habat mall-karozza li diga kienet hemm, misjuqa mill-konvenut.

Fi kliemu stess, Grima jikkonferma illi jaf illi kien qieghed isuq vicin il-bankina. Minn naha l-ohra jaf ukoll illi karozza fuq quddiem taht il-mera tax-xellug ma jarahix.

Hawnhekk, il-Qorti jidhrilha li Grima naqas bil-bosta meta huwa ma zammx *a proper lookout*, ma tax kaz l-inkapacita' illi ghandha l-vettura tieghu, il-kobor taghha, u mmanuvrha b'mod negligenti tant illi kien il-kawza principali ta' dan l-incident.

Il-Qorti tirrleva, illi minkejja dak li qal Grima li l-hsarat principali kienu fin-nofs tal-*coach*, irrizulta illi *indicator* fuq quddiem kien miksur, fejn allura huwa probabbli, li l-ewwel impatt kien fuq in-naha ta' quddiem ezatt taht il-mera fejn Edgar Grima jirrikonoxxi illi ghandu *blind spot*.

Il-Qorti tirrileva, illi t-traskuragni ta' Grima tohrog mill-fatt illi huwa kien jaf illi kellu nkapacita' li minhabba fiha kienet ser titfa' oneru ta' attenzjoni ferm aktar gholi minn ta' hadiehor, madankollu mhux talli ma tax kaz, talli baqa'

ghaddej, ghafas ‘il vettura tal-konvenut mal-hajt u kkawza d-danni.

Din il-Qorti kif preseduta kellha okkazjoni li tippronuncja ruhha f’cirkostanzi simili fil-kawza R Von Brockdorf Insurnace Agency vs Pio Bonello (Avviz 1011/96MM deciza fl-14 ta’ Lulju, 1997) li kien jinvolvi truck gholi tal-Forzi Armati ta’ Malta bi “blind spot” fuq il-lemin taht il-gabina (truck kien “left hand drive”) il-Qorti qalet, “Fl-ahhar mill-ahhar pero’, r-responsabbilita’ hi tas-sewwieq u jekk il-vettura tieghu kienet manomata b’xi difett minhabba l-ghamla taghha allura jinkombi fuqu jsuqhiex jew le, u jekk iva, ghandu jassikura ruhu li dak id-difett ma jkunx ta’ xkiel ghas-sewqan ordinarju fit-toroq taghna u zgur m’ghandux iservi ta’ skuza f’kaz ta’ incident.” Mhux il-kaz li jkun hemm varjazzjoni f’dan l-argument.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li dan l-incident gara minhabba t-traskuragni u n-nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tas-sewwieq tal-*coach* Edgar Grima li ma zammx *a proper lookout*.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------